MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 396/2004

Kawza fil-lista: 57

**A B**
**Vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress li l-partijiet izzewgu nhar it-3 ta' Dicembru 1983 (certifikat taz-Zwieg anness bhala Dok A);

Peress illi l-partijiet isseparaw legalment minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Farrugia tat-3 ta' Novembru 1994 (kopja annessa bhala Dok B);

Peress illi meta zzewgu l-partijiet ma kellhomx id-diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha skond kif rikjest fil-ligi;

Peress illi meta zzewgu l-attrici kellha l-kunsens taghha vizzjat ukoll a tenur ta’ l-artikolu 19 subartikolu 1(f);

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti nhar it-3 ta’ Dicembru 1983 huwa null u bla effett a tenur ta’ l-artikolu 19 subartikoli 1(d) u 1(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

Illi ghalkemm l-eccipjent jaqbel li z-zwieg ta’ bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null, minhabba vizzju tal-kunsens tal-attrici ai termini ta’ l-artikolu 19, subartikoli 1(d) u (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg, mhuwiex minnu li l-kunsens ta’ l-istess eccipjent kien vizzjat b’xi mod.

Illi ghalhekk kemm il-darba t-talba attrici tigi milqugha, l-eccipjent m’ghandux ibati xi spejjez ta’ din il-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg kuntrattat minnha mal-konvenut fit-3 ta’ Dicembru 1983 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet

kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255, u dak ta' l-istess attrici vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f]. Minn naha tieghu l-konvenut jaqbel mat-tesi attrici in kwantu bazata fuq id-dispost tal-paragrafi [d] u [f] fil-konfront taghha.

Mill-provi rrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-3 ta' Dicembru 1983 u sseparaw legalment fit-3 ta' Novembru 1994. Qabel is-separazzjoni, il-partijiet, ghalkemm kienu joqghodu fl-istess dar, kellhom "partners ohrajn." L-attrici fl-affidavit taghha tkompli tghid li llum il-gurnata ghandha relazzjoni ma' ragel iehor li ilha tghix mieghu madwar ghaxar snin u ghandha wild minn din ir-relazzjoni.

Illi fl-affidavit taghha l-attrici tispjega li hija kienet izzewwget lill-konvenut biex tehles mill-problemi tad-dar u biex tieqaf tahdem. Hija tghid li ma rieditx tfal meta zzewwget, u fil-fatt ma twieldux tfal f' dan iz-zwieg.

Illi l-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat isemmi, bhala wiehed mill-caput nullitatis, ic-cirkostanza li "il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg." Fil-gurisprudenza interpretattiva nostrana gie ritenut li wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg huwa dak derivanti minn unjoni diretta ghall-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied; u ghalhekk l-eskluzjoni ta' dan l-obbligu fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali jvvizja dak il-kunsens b' mod li jirrendi z-zwieg null; ghax "il-fatt li anke parti wahda tkun eskludiet li jkollhom tfal huwa bizzejjed biex jirrendi z-zwieg null" [*PA Anna Galea vs John Walsh 1994*]

Fil-kaz in disamina rrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens taghha l-attrici eskludiet li jkollha tfal minn dan iz-zwieg, u qalet li ghalkemm f' okkazzjoni kienet inqabdet tqila, dan kien bi zball. Ghaldaqstant din il-kawzali tinsab sorretta mill-provi.

Illi in kwantu ghal kawzali bazata fuq id-dispost ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d], il-Qorti tosserva li dina ma tirrizultax fil-konfront ta’ xi wahda mill-partijiet. Jigi osservat li l-fatt li persuna tkun izzewwget ghal motivi zbaljati ma jammontax per se ghal difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga fit-termini tal-paragrafu citat. Di fatti jinsab ritenut in propositu li biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita’ psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali”. Dan il-*caput nullitatis* propost mill-attrici ma jirrizultax provat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255 fil-konfront ta’ l-attrici.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi, u tiddikjara z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-3 ta’ Dicembru 1983 null u bla effett fil-ligi. Bl-ispejjez kollha a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------